MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 86/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi fid-9 ta' Gunju 1995 l-esponent izzewweg lill-intimata CB (vide certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. "A") u minn dan iz-zwieg kellhom tifla wahda - T.

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u effettwaw separazzjoni legali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali in atti Nutar Dottor Maria Briffa datat 31 ta' Jannar. 2006 (Dok. "B")

3. Illi assolutament m'hemm ebda pendenzi jew kwistjoni bejn il-partijiet ta' kwalsiasi natura.

4. Illi l-esponent iddiskuta mal-avukat tieghu Dr. Chris Cilia LL.D. il-possibilita` ta' rikonciljazzjoni u inghata minghand l-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin (vide dikjarazzjoni hawn annessa bhala Dok. "C") u kkonkluda li m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni.
5. Illi issa ghaddew ben oltre 4 snin mid-data tas-separazzjoni u m'hemm assolutament ebda prospett ta'rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
6. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabbiliti skont il-ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet.

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata Mariella Darmanin hu mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi annotat u registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Frar, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta’ Jannar 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minnu lill-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------